


Sensiela Mro. Angelo Pullicino (1904-79)

Il-Marċi Grotteski – It-Tieni parti

Astratt: Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu kont laqqajtkom ma' sett ta' erba' marċi grotteski mill-pinna ta' Mro. Angelo Pullicino li jinsabu fl-arkivju tal-Għaqda Karmelitan Banda Queen Victoria. Fl-artiklu ta' din is-sena ser inlaqqagħkom ma' ħamsa oħra mill-pinna tal-istess kompożitur Ġiljaniż li jinsabu fil-kollezzjoni private tiegħi.

Kliem muftieħ: Mro. Angelo Pullicino, Karnival Malti, Marċ grottesk, Marċ karnivalesk, Marċ tal-karnival, Il-Maltija, Żifna nazzjonali Maltija, Iż-żifna tal-Maltin, Kuntradanza, Banda San Ġiljan, Soċjetà Karmelitana u l-Banda Queen Victoria Żurrieq.

**Daħla**: Għall-kuntrarju tal-erba' marċi grotteski l-oħra, li tagħhom kellna biss il-partijiet, dawn li ser nitkellmu fuqhom hawn taħt jeżistu f'forma ta' partitura, u li huma miktubin bil-lapis u mhux bil-pinna. Jista' jkun li jeżistu partijiet tagħhom, jew talanqas uħud minnhom, merfugħin wara l-ħġieġ ileqq ta' xi arkivju bl-injam kollu skolpit ta' baned Maltin u/jew Għawdxin. Jiena nimmaġina li dawn il-marċi grotteski kienu nkitbu biex jindaqqu waqt xi sfilata tal-karnival il-kbir jew tar-raħal fil-bidu tas-snin sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor. Dana qed ngħidu għaliex id-diski, jew kanzunetti, li minnhom ittieħdet il-mużika kollha jidhru li nkitbu f'dan iż-żmien li qedin insemmu. Ngħidu aħna, f'**(K)arnival Day** insibu *Those Were the Days* u *Azzurro* tal-1968; f'**(K)arnival Dance** insibu *Lily the Pink* tal-1968, u *La Pioggia* u *Casatchok*, it-tnejn tal-1969; f'**(Karnival) March** insibu *Congratulations* tal-1968, f'**Parade of Carnival** insibu l-*Altalena* tal-1969, u f'**Ckinky Dinky March** insibu *Un Calcio alla Città* tal-1972. Fil-partituri wkoll, insibu li l-isem *althorn* issa kien ħa post dak tal-ewfonju fil-bidu tal-pentagramma, u dan ikompli jikxef f'liema żmien inkitbu. Interessanti l-fatt ukoll li, għall-kuntrarju tas-sett tal-marċi grotteski li konna tkellimna dwarhom fl-ewwel parti s-sena l-oħra, dawn il-ħamsa, tneħħi forsi l-introduzzjoni ta' **(K)arnival Day**, u li fiha, fil-fehma tiegħi, silet ftit battuti minn marċ oriġinali ieħor minn tiegħu stess, ma jagħmlu l-ebda użu minn xi tip ta' mużika folkloristika Maltija. U dan jikkuntrasta ferm mat-titlu li l-istess marċi grotteski jġibu, u aktarx dejjem mogħtijin minn ħuh iż-żgħir Luċjan, fejn, fost oħrajn, jagħmlu riferenza għaż-żifna nazzjonali Maltija u l-oħra ta' bix-xwabel. Għax biex ngħidilkom, li kien għal Anġlu, il-marċi kollha jsemmihom *March tal(-)Karnival*, għax għalih, l-aqwa li huma tal-widna, u li fihom dik il-laqta kontro-melodija fuq ir-ram kif hu biss kien jaf jinseġ fil-marċi tiegħu li ma jmutu qatt.

ĦARSA LEJN IL-ĦAMES MARĊI GROTTESKI:

**(K)arnival Day**: jew 'Jum il-Karnival', huwa l-isem ta' dan il-marċ grottesk. Anġlu, jew aħjar, ħuh, għoġbu jagħtih isem bl-Ingliż, anki jekk il-kelma *Carnival* għandha tibda bl-ittra 'C' u mhux 'K', bħal fil-każ tal-kelma Maltija. Il-partitura[1] hija miktuba bil-lapis fuq biċċa karta tal-mużika, u diġa' użata fuq in-naħa ta' wara, għall-introduzzjoni, u l-kumplament fuq tliet paġni minn ta' manuskritt ta'




[1] Ktieb jew paġni li fihom ikun hemm miktubin jew stampati xi biċċa mużika b'indikazzjoni tal-parti li għandu jdoqq kull strumentalist fl-esekuzzjoni tagħha. Fil-każ tagħna, il-partitura hija taqsira ta' waħda sħiħa (*short score*), u jkun fiha biss ftit pentagrammi li fuqhom ikunu jridu joqgħodu l-istrumenti kollha. Jeżistu oħrajn imbagħad, fejn kull strument jinkiteb fuq pentagramma għalih (*full score*). Fil-każ ta' Pullicino, għall-bidu, fil-perjodu ta' qabel il-Gwerra, il-marċi kien joqgħod jiktibhom kollha billi jqiegħed l-strumenti fuq pentagrammi separati, imma biż-żmien, mis-snin ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor 'il quddiem, beda jagħmel użu mill-partitura mqassra. Wieħed irid jgħid ukoll li dak iż-żmien, minbarra li kienu jiktbu l-partituri bl-idejn, anke l-partijiet riedu joqgħodu jiktbu waħda waħda, għax il-magna tal-iffotokopjar ma kenitx għadha teżisti sa dak iż-żmien!

b'għaxar pentagrammi[2] il-waħda.

| Battuta | Taqsima/tagħrif |
|---|---|
| 01-16 | In La Minuri. Introduzzjoni ta' 16-il battuta (jew żewġ sentenzi ta' tmien battuti l-waħda (I-V u V-I) fl-istil inimitabbli ta' Pullicino. Ta' min jgħid hawn li, dan il-marċ jiftaħ bl-istess mod bħall-marċ l-ieħor brijuż *Melita* tal-istess kompożitur. |
| 17-77 | L-ewwel taqsima, li fiha 61 battuta. Hawn, l-għadd ta' battuti huwa bil-fard, li mhux soltu niltaqgħu miegħu fil-binja tas-sentenzi kif insibuhom f'marċ. Fil-partitura, battuti 34-49 huma replikati, i.e. meta ġejt biex ngħodd l-ammont ta' battuti li fiha din it-taqsima, ħadt ħsieb li ngħoddhom għal darbtejn. (Dan il-kompożitur għamlu biex ma joqgħodx jikteb l-istess passaġġ għal darbtejn, u allura, hawnhekk, mhix kwestjoni ta' struttura. Kif forsi wieħed jaf, fil-mużika popolari, inkluż il-kanzunetti, niltaqgħu ma' ħafna repetizzjonijiet tal-istess melodija, sempliċiment għax hija strofika.) Intant, dit-taqsima hija mibnija fuq il-kanzunetta *Those Were the Days*[3], li minnha ħa kemm mill-istrofa, kif ukoll mir-ritornell. |
| 78-145 (147) | In Re Minuri. Bħala triju mbagħad, il-kompożitur għażel li jaħdem fuq il-kanzunetta *Azzurro*[4] ta' Adriano Celentano. Din id-diska għandha r-ritmu ta' marċ, u allura jista' jkun li dan l-element ġibed l-attenzjoni ta' Pullicino, speċjalment il-mod kif jidħlu t-trumbuni.<br><br>Tajjeb ngħidu xi ħaġa wkoll fuq il-passaġġ ta' qabel it-triju (78-89) li jiftaħ b'fanfara[5], li nimmagina li qegħda fuq ir-ram (kurunetti u baritoni/ewfonji). Mill-ewwel battuti tagħha, Pullicino jagħti l-impressjoni li t-triju ser ikun fi kjavi maġġuri, imma din hija biss intiża biex tgħallat lil dak li jkun, għax wara biss erba' battuti fis-sottodominanti (VI), il-grupp kadenzjali li jiġi eżatt warajhom jerġa' fit-toniku (I) – i.e. fil-kjavi ta' RE Minuri, filwaqt li l-bqija tal-erba' battuti l-oħra jkunu maqsumin, tnejn fid-diminanti (V) u t-tnejn l-oħrajn fit-toniku (I). |



**(K)arnival Dance**: 'Il-Maltija'[6] hija kuntradanza li kulħadd jiżfinha fil-karnival għax hija 'ż-żifna tal-Maltin', u għaldaqstant, hija meqjusa bħala 'Iż-Żifna Nazzjonali Maltija'. Skont il-kotba tal-mużika, il-kelma *kuntradanza* (xi darba kienu żewġ kelmiet separati li mbagħad ingħaqdu f'waħda) hija korruzzjoni ta' *country dance*, bil-Malti - danza kampanjola, li taf il-bidu tagħha ġewwa Ingilterra. Kienet ukoll popolari ħafna fi Franza u l-Ġermanja fis-seklu tmintax. Li ma naqbilx huwa mal-etimoloġija tal-kelma *kuntradanza*. Ibda biex, il-kelma *kontra* kulħadd jaf xi tfisser - *bil-maqlub ta'*, jew *l-oppost*, imma wkoll *biswit*, jew *in-naħa l-oħra*. Mela il-kelma *kuntra* tidħol għax f'diż-żifna hemm dan l-element

---

[2] Pentagramma (dik li bl-Ingliż insejħulha *stave* jew *staff*) huma dawk il-ħames linji mimdudin għall-kitba tal-mużika.

[3] Din id-diska hija attribwita lil Gene Raskin, li poġġa l-versi bl-Ingliż tal-kanzunetta Russa *Dorogoi dlinnyou*, mużika ta' Boris Fomin (1900-48) u versi tal-poeta Konstantin Podrevskii. Tamara Tsereteli (1900–1968), minn Georgia, u r-Russu Alexander Vertinsky (1889-1957) aktarx li kienu l-ewwel żewġ kantanti li rrekordjaw din id-diska fl-1925 u l-1926 rispettivament. L-istess kanzunetta kienet dehret ukoll fil-film komiku *Innocents in Paris* tal-1953 titkanta fil-verżjoni oriġinali tagħha mix-xantuża ċelebri Russa, Ludmila Lopato, waqt xena ġo najtklab Russu, li bħalu kien hemm ħafna mxerrdin ma' Pariġi kollu fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Madankollu, kienet Mary Hopkin, imwielda fit-3 ta' Mejju, 1950, li għamlet id-diska famuża meta rrekordjatha f'Awwissu tal-1968, liema diska telgħet sparata fil-quċċata tal-klassifika kemm fl-Ingilterra kif ukoll fl-Amerika. Ħafna diski jġibu li Gene Raskin bħala l-awtur ta' din il-kanzunetta anke jekk hu kiteb biss il-kliem bl-Ingliż u mhux il-mużika.

[4] Din hija kanzunetta popolari Taljana miktuba minn Paolo Conte flimkien ma' Michele Virano. L-aktar verzjoni magħrufa hija dik ta' meta ġiet irrekordjata minn Adriano Celentano fl-1968. Conte jħobb jgħaqqad melodiji sempliċi ma' xogħlijiet mhux tas-soltu, imma li huma xorta waħda tal-widna. Ngħidu aħna, f'din id-diska hu jgħaqqad il-mużika tal-marċ militari ma' ġrajja ta' kuljum, irrakkuntata permezz ta' lingwaġġ poetiku mimli xbiehat.

[5] Fanfara hija biċċa mużika qasira tinstama' sewwa li normalment jdoqqu t-trumbetti f'xi parata militari.

[6] Il-*Kumittiva* hija tip ta' kuntradanza Għawdxija li tixbah lill-*Maltija* u fiha seba tappiet jew żifniet: il-Kollura, l-Ingliża, il-Franċiża, il-Mina, il-Kannizzata, is-Salib, u l-Parata.

fejn il-movimenti ta' gruppi differenti ta' żeffiena jduru kontra xulxin. Fil-Malti hemm kliem oħrajn, anke jekk ġibniehom minn ilsna barranin, li jħaddnu din il-kelma fil-bidu tagħhom, bħal ngħidu aħna, *kuntrapunt*, fejn għandek żewġ motivi kuntrastanti, jew aktar, imdaħħlin b'sengħa f'xulxin f'melodija waħda; u *kuntrakant*, fejn għandek melodija sekondarja kantata b'motiv ieħor minn taħt fuq il-melodija prinċipali. Hemm imbagħad, il-*kuntrabaxx* (li bl-Ingliż ġieli nsibuh ukoll bħala *contrabass*) u l-*kuntrafagott*, żewġ strumenti goffi, wieħed tal-korda u l-ieħor tal-injam, li jinstemgħu ottava[7] taħt il-vjolinċell u l-fagott rispettivament.

F'dawk li huma strumenti, jew termini mużikali, l-Ingliżi għandhom ħabta kif idawru kelma biex donnu jġibuha li l-ħaġa bħallikieku oriġinat mingħandhom. Hekk ngħidu aħna, il-*kornu ingliż*, li jiġi kuġin tal-obwe[8], u li bl-Ingliż nsejħulu *English Horn,* la hu kornu, għax dan tal-aħħar ikun magħmul mir-ram, u wisq anqas Ingliż, għax ma oriġinax minn dan il-pajjiż! Dan il-ġens dejjem iffissat li kif ħaddieħor għandu tiegħu, hu jrid bilfors li jkolli tiegħu wkoll. Mela għalihom, jekk fid-dizzjunarju mużikali jeżisti l-kornu Franċiż (*French Horn*) bifors li jrid jeżisti ieħor ta' oriġini Ingliża! L-isem ta' dan l-istrument fil-fatt, mhu xejn għajr korruzzjoni ta' *cor anglé*, li bil-Franċiż tfisser kornu milwi. Dan għaliex, parti minn dan l-istrument tikkonsisti f'milwa (*crook*) li tiddaħħal fin-naħa ta' fuq tal-istrument (li fiha mbagħad, tkun trid tidħol b'mod marsus l-imbokkatura magħmula minn par qasab ċkejnin, bit-tarf mislut) biex jagħmilha aktar faċli għal min ikun qed idoqqu. Huwa minnu madankollu, li l-ewwel mudelli tal-kornu Ingliż kellhom mill-forma ta' qarn ta' animal biex ikun jista' jintrifes bla taħbil ta' xejn.




U la qedin fiha, ma nistgħux ma nsemmux terminu ieħor mużikali li ra tidwira sħiħa f'dik li hija etimoloġija tal-kelma. Qed nirreferi għal dik li bl-Ingliż insejħulha *Third of Picardy* (bil-Franċiż - *Tierce de Picardie*). Din tikkonsisti f'akkordju magħmul minn trijade maġġuri li jagħlaq biċċa xogħol mużikali li oriġinarjament tkun fil-kjavi minuri. Dan isir billi ngħollu t-terza b'nofs ton, u minn intervall ta' ton u nofs ton, isir ta' żewġ toni. Bħala eżempju, jekk il-mużika kienet in DO Minuri, mela il-korda tonika hija DO – <u>MIb</u> – SOL, u t-trijade hu wieħed minuri. Issa, jekk il-MIb nagħmlulha l-bekwadru[9] biex ngħolluha b'semiton, it-trijade jiġi maġġuri. Dan ifisser li, fejn it-trijade qabel kellu ħoss li forsi jqanqal swied il-qalb, bl-użu ta' din l-għodda armonika, il-ħoss tiegħu issa jsir wieħed ferrieħi. Tajjeb ngħidu hawn li, ħafna knejjes ta' żmien il-Medjuevu kienu jinbnew b'tali mod li, minn barra jidhru għoljin ħafna u bil-kampnari tagħhom, u qċaċet oħra, kollha ġejjin għall-ponta donnhom iridu jinfdu wiċċ is-sema, u li meta tidħol fihom ħlief ċappa dlam ma tarax, miksur biss minn ftit xemgħat inemnmu 'l hawn u 'l hinn. Huwa biss meta tixħet ħarstek 'il fuq li tara ftit mrieżaq deħlin bis-serqa minn ġol-ħġieġ ikkulurit. Din it-tip ta' estetika fl-arkitettura tissimbolizza 'il-bniedem bħala midneb, u li allura qed jgħix fid-<u>dlam</u>, u huwa biss jekk jafda f'Alla li jista' jara d-<u>dawl</u> u jsalva ruħu.

Niġu issa biex naraw allura x'rabta jista' jkun hemm bejn it-tielet grad fl-iskala mużikali u Pikardija. Ibda biex, dan huwa isem ta' wieħed mis-27 reġjun ta' Franza u li jinsab fit-tramuntana ta' dan il-pajjiż. Jekk tmur hemm ibqa' żgur li mhu ser issib xejn li jista' b'xi mod ikollu x'jaqsam ma' din-nota partikolari! Għax il-kelma *Picardie* għandha mnejn hi korruzzjoni ta' kelma oħra Franċiża - *piquant*, li bil-Malti tfisser sempliċiment oġġett pikkanti, jew qawwi fit-togħma. Naturalment, hawn qed jirreferi għal dan l-akkordju li permezz tiegħu wieħed jista' jtemm xogħol mużikali fuq nota pożittiva. Għax kif jgħid il-qawl Malti: 'Fl-aħħar tal-mazzita, issib iż-żbiba'! Iż-żbiba hija frotta ħelwa, u għaldaqstant it-tifsira għandha tirrifletti li ż-żbiba għandha tħalli togħma tajba.

---

[7] Kelma li tfisser tmien toni 'l fuq (ogħla) jew 'l isfel (ibjex).

[8] Anki hawnhekk, *oboe* bl-Ingliż, hija tidwira tal-kelma *hautbois* (li titleħħen kważi l-istess) u li bil-Malti tfisser *haut* = għoli u *bois* = injam. Dan għaliex dan l-istrument għandu leħnu għoli, mhux biss f'dawk li huma noti, imma wkoll bħala ħoss, u huwa magħmul mill-injam.

[9] L-użu ta' dan is-sinjal qed biex iqegħed in-nota fit-ton sewwa tagħha.





Lura għall-kuntradanza Maltija, din hija tip ta' żifna b'disa' tappiet jew żifniet: (i) it-Tislima, (ii) l-Almanda[10], (iii) In-Nisa Bezzun, (iv) L-Erba' Kulluri, (v) l-Arkata,(vi) iż-Żewġ Kulluri – Nisa Bukkett, (vii) il-Passiġġata Da Se', (viii) il-Kullura, u (ix) il-Kannizzata. Hija tista' tiġi ppreżentata b'żewġ modi: jew (a) bħala żifna rustika fejn iż-żeffiena jilbsu ta' kampanjoli, komunement magħrufin bħala ta' Żepp u Grezz, jonkella (b) bħala danza ċeremonjali tas-seklu tmintax li kienet tinżifen min-nies ta' madwar is-sultan. Dawn kienu jkunu lebsin ilbies mill-aktar rikk. Din it-tip ta' mużika tfakkarna fid-danzi raffinati u fuq tagħhom li ta' spiss kienu jiktbu kompożituri Klassiċi bħalma huma Mozart u Beethoven.



Nerġgħu issa fuq *Carnival Dance*. Fejn soltu kien hemm xi forma ta' suspett li l-ismijiet tal-marċi kien qed jagħtihom dejjem Luċjan (ħu Anġlu), hawn jista' jagħti l-każ li kien il-kompożitur stess li ta l-isem lil dan il-*March tal(-)Karnival* għall-fatt li ż-żewġ titli għandhom l-istess kaligrafija. Il-partitura fiha tliet paġni ta'manusritt. Il-mużika hija mifruxa fuq tliet pentagrammi skont l-istrumenti.

| Battuta | Taqsima/tagħrif |
|---|---|
| 01-14 | In MI Minuri. L-introduzzjoni hi ta' 14-il battuta. Kemm hi, kif ukoll l-ewwel replika li tiġi warajha, u t-taqsima l-oħra li tiġi wara r-replika, huma meħudin mill-kanzunetta *La Pioggia*[11] (Ix-Xita) ta' Gigliola Cinquetti[12], liema diska kienet ħadet sehem biha fil-festival ta' San Remo '69. Il-kompożitur għamel sew li daħħal din l-introduzzjoni robusta fil-marċ tiegħu. Ħafna jsibu li din il-kanzunetta għandha ħafna mit-tema mużikali li kien ikkompona Mancini għas-serje televiżiva *Peter Gunn*, jonkella minn xi *soundtrack* ta' xi film ta' James Bond. |
| 15-56 (58) | In DO Maġġuri. Din it-taqsima tifforma l-ewwel replika. |
| 59-94 | Il-passaġġ ta' wara l-ewwel replika mhu xejn għajr it-tkomplija tal-istess kanzunetta. Lejn tmiem dan il-passaġġ, il-kompożitur jaħseb biex jimmodula lejn is-sottodominanti (IV). Dan jagħmlu billi jdawwar il-korda tonika (I) tal-kjavi li jkun fiha f'settima dominanti (V7) ta' dik li tkun ġejja warajha, i.e. FA Maġġuri. Jekk wieħed iħares lejn battuti 93-4 isib li s-settima mhix għajr is-SIb, li hija n-nota dijatonika[13] l-ġdida tat-tonalità li deħlin fiha. |
| 95-113 | In FA Maġġuri. Din it-taqsima hija wkoll replikata. It-tema hija meħuda mill-kanzunetta *Lily The Pink* tal-grupp *The Scaffold*[14] li kienet ħarġet f'Novembru tas-sena 1968. Il-kanzunetta hija msejsa fuq għanja tradizzjonali bl-isem ta' *The Ballad of Lydia Pinkham*[15]. |

---

[10] Din iż-żifna hija ta' importanza storika liema bħala għaliex kienet moda ħafna fiċ-ċrieki aristokratiċi tas-seklu 16. L-Almanda oriġinat fil-Ġermanja u kienet hi li tiftaħ il-ballu, fejn il-kurtiġjani kienu jiżfnu għall-akkumpanjament tal-mużika pprovduta minn orkestrina. F'din id-danza proċessjonali, il-koppji jimxu b'pass dinjituż u mexxej fl-istess ħin. Mil-lat ta' mużika, din iż-żifna hija karatterizzata minn melodiji li għandhom mill-filugranu, u li huma aktarx mgħaqqdin fi gruppetti sovrabbundanti.

[11] Ħames snin wara li kienet rebħet il-festival ta' San Remo fl-1964, Gigliola Cinquetti kienet ġiet fit-tieni post b'din id-diska wara Bobby Solo. L-istil ta' din id-diska jalterna bejn polka, mużika taċ-ċirklu, ritmu tas-60ijiet u mużika tal-filmijiet fl-istil ta' James Bond. Din id-diska kienet ħarġet ukoll bl-ilsien Franċiż bl-isem ta' *L'Orage*. Il-kliem huwa ta' Gianni Ernesto Argenio u mużika ta' Corrado Conti u Mario Panzeri u orkestrazzjoni ta' Alberto Baldan Bembo. Oriġinarjament, din id-diska kellha kliem u mużika tal-kantawtur Daniele Pace.

[12] Gigliola Cinquetti twieldet fl-1947 u hija kantanta Taljana. Illum-il ġurnata, minbarra li tkanta, hija wkoll preżentatriċi fuq it-televiżjoni u ġurnalista. Hija rebħet il-festival ta' San Remo fl-1964 meta kellha biss 16-il sena bid-diska *Non ho l'età*.

[13] Din tirreferixxi għal skala mużikali li fiha suċċessjoni ta' toni u semitoni u għalhekk mhix bħal skala kromatika li tikkonsisiti f'semitoni biss.

[14] Dan il-grupp kien iffurmat ġewwa Liverpool, l-Ingilterra, mill-komiku John Gorman, il-poeta Roger McGough, u Mike McGear, li ismu proprja kien Peter Michael McCartney, u li jiġi ħu l-kantant leġġendarju tal-grupp *The Beatles*, Paul McCartney. Bħala triju, kienu jispjeċjalizzaw fil-kanzunetti komiċi (jew taħlita ta' kanzunetti komiċi, skizzi, u poeżija ta' McGough), bħalma hi *Lily the Pink*, u li kient l-uniku diska li laħqet il-quċċata tal-klassifika.

[15] Din il-għanja folkloristika li tirrakkonta l-istorja ta' Pinkham kienet ukoll il-kanzunetta reġimentali mhux uffiċjali tar-*Royal Tank Corps* waqt it-Tieni Gwerra dinjija. Kienet ukoll titkanta mill-plejers tar-ragbi wara xi logħba goffa waqt li jkunu qedin jieħdu xi doċċa kiesħa, u li fiha kienu jħobbu jdaħħlu wkoll xi kliem mhux xieraq.

Din il-mara tas-seklu dsatax kienet ivvintat tip ta' duwa li tikkonsisti fi ħwawar mediċinali għan-nisa li jbagħtu bl-uġigħ. Id-diska kienet biegħet 'il fuq minn miljun kopja u kienet rebħet id-diska tad-deheb.[16] Tajjeb ngħidu hawnhekk li, din l-istess mużika ntużat minn Pullicino fil-marċ karnivalesk l-ieħor - ***Ckinky Dinky March***.

114-136 In FA Minuri. Dawn il-battuti jiffurmaw l-ewwel nofs minn tat-triju li m'għandux introduzzjoni. Fil-fatt, l'erba' battuti li kienu xi darba ser jiffurmawha, u li mbagħad ġew ingassati, kienu jinkludu biss ħjiel ta' ritmu[17] li nzerta jaqbel perfettament mal-introduzzjoni ta' kanzunetta li kienet ġiet interpretata għall-ewwel darba minn Dori Ghezzi[18] f'*Cantagiro* 1969. Qed nirreferi għall-kanzunetta Taljana *Kozachok*, b'melodija meħuda minn diska oħra ta' Matvei Blanter, *Katjusha*, u kliem ta' D.A. Ciotti u Giancarlo Guardabassi.

137-155 (157) In FA Maġġuri. Dawn il-battuti jimxu fuq il-passi tar-ritornell li nsibu f'din l-istess kanzunetta, fejn minn tonalità minuri jeqleb ħesrem għal waħda maġġuri.



**(Karnival) March**: marċ karnivalesk li ma jġib l-ebda isem partikulari ieħor għajr dak li hemm miktub fuq il-partitura stess, u li tiegħu qedin inġibu l-ewwel battuti minn tal-introduzzjoni. Jidher li, għall-ewwel dan il-marċ kien jismu *March tal-Karnival*, imma mbagħad tħassar bil-gomma u ġie jismu *Karnival March*. Il-kwestjoni hi li, jekk kemm-il darba ried isemmieh bil-Malti, mela allura l-isem irid jiġi jaqra hekk: *Marċ tal-Karnival*, u jekk bl-Ingliż: *Carnival March*. Il-partitura fiha tliet paġni minn ta' manuskritt, u l-arranġament mużikali huwa mifrux fuq tliet pentagrammi (kurunetti – baritoni/ewfonji – trumbuni/baxxi):

| Battuta | Taqsima/tagħrif |
|---|---|
| 01-19 | In Do Maġġuri. Ta' min jinnota hawn li, din l-introduzzjoni fiha 19-il battuta, jew żewġ sentenzi ta' disa' u għaxar battuti rispettivament. |
| 20-37 (38-9) | L-ewwel replika. It-tema tidħol *in aria*. |
| 40-71 | It-tieni replika. Hawn, il-kompożitur juża l-kanzunetta tant popolari, *Congratulations*, kitba ta' Bill Martin u Phil Coulter, u kantata minn Cliff Richard, u li biha l-Ingilterra kienet ħadet sehem fil-*Eurovision Song Contest* tal-1968. Il-kanzunetta kienet ġabet punt wieħed biss anqas minn dik Spanjola, *La La La*. Jingħad li dakinhar tas-6 ta' April, Richard kien issakkar fit-tojlit biex ma jismax il-voti tal-ġurija jingħaddu! |
| 72-79 | *Coda*[19] biex jagħlaq din it-taqsima qabel ma jmur għat-triju. |
| 80-121-2 (123-4) | In Fa Maġġuri, It-triju jiftaħ b'introduzzjoni ta' erba' battuti. |



**Parade of Carnival** (*March* tal-Karnival): Kif għidna diġa' aktar 'il fuq, l-ismijiet ta' dawn il-marċi grotteski setgħu ngħataw, wara kollox, mhux

[16] Kienet ħarġet ukoll verżjoni ta' din id-diska bil-Franċiż taħt l-isem ta' *Le Syrop Typhon*, kantata minn Richard Anthony, u li kienet biegħet rekord ta' 800,000 diska!

[17] Dan ir-ritmu huwa magħmul minn kroma + nofs kwart aspett għal tliet darbiet waħda wara l-oħra, u segwit minn kwart aspett. Id-disinn jirrepeti ruħu.

[18] Dori Ghezzi twieldet l-Italja fl-1946. Bħala kantanta kienet attiva ħafna bejn is-snin 1966 u 1989. Għal żmien twil kienet tkanta wkoll flimkien mal-kantant Amerikana, Wess. Huma kienu rrappreżentaw lill-Italja fil-Eurovision Song Contest tal-1975 bil-kanzunetta *Era* li kienet ġiet fit-tielet post. Fil-bidu tas-snin tmenin tas-seklu l-ieħor Ghezzi ddeċidiet li tibda tkanta bħala solista. Fl-1975 iltaqgħet mal-kantawtur Fabrizio De André u baqgħet tgħix miegħu sa ma miet fl-1999. Huma kienu żżewġu fl-1989 u kellhom tifla waħda, Luisa Vittoria ("Luvi") mwielda fl-1977.

[19] Kuda tista' tfisser denb twil jew xuxa ta' kometa, imma fil-każ tagħna dawn huma l-aħħar battuti mużikali biex iġibu xogħol mużikali fi tmiemu.

mill-kompożitur innifsu, imma minn ħuh iż-żgħir Luċjan (1921-2012). Dan għaliex, fil-partitura nsibu mniżżlin żewġ titli taħt xulxin, il-wieħed bil-lapis – *March* tal-Karnival, liema titlu nsibuh ukoll mniżżel fil-marċi l-oħrajn kollha, u l-ieħor bil-bajrow – PARADE[20] of CARNIVAL. Il-partitura, li fiha total ta' ħames paġni minn ta' manuskritt, u miktuba bil-lapis, hija mifruxa fuq tliet pentagrammi li jinkludu, il-melodija fuq il-kurunetti (primi u sekondi), il-kontro-melodija tal-baritoni u l-ewfonji (diviżi – kif kienet id-drawwa li jiktibhom Pullicino) u l-akkumpanjament tat-trumbuni wil-baxxi. Pullicino kellu sistema wkoll, li jimmarka r-raħal jew isem il-banda li tkun daqqet il-marċ b'lapis ikkulurit, tant li fuq partitura waħda ġieli ssib aktar minn isem wieħed. F'dan il-każ, jidher li dal-marċ qed għand il-banda tan-Nadur, Għawdex. U la qedin nitkellmu fuq il-partituri, mhux l-ewwel darba wkoll li Pullicino kienu jonqsuh il-karti tal-manuskritt, tant li f'paġna ħamsa nsibu li għandna żewġ tipi ta' mużika mħażżin fuq xulxin! Intant, dan il-marċ hu mqassam kif ġej:




| Battuta | Taqsima/tagħrif |
|---|---|
| 01-06 | In FA Maġġuri. Introduzzjoni. Hawn il-kompożitur niseġ waħda qsajra, liema motif, jew disinn tematiku, ħadu mill-kanzunetta tal-ewwel taqsima. |
| 07-118 | F'din l-ewwel taqsima mhux replikata, Pullicino jieħu l-kanzunetta sħiħa ta' Orietta Berti, *L'Altalena* li kienet ħarġet fl-1969. Dan ifisser li dal-marċ ma setax inkiteb qabel din id-data. |
| 119-167 (169) | It-triju, li għandu daħla ta' tmien battuti aktarx fuq ir-ram, imma li xorta tibqa' fl-istess tonalità li beda biha. |



**Ckinky Dinky *March***: Dan il-marċ grottesk huwa differenti mill-oħrajn f'aktar minn aspett wieħed. Kien għal dan il-għan illi ħallejtu għall-aħħar, għax kif ser naraw, huwa frott ta' sperimentazzjoni ażżardata, speċjalment fejn tidħol forma u kontenut. Il-kompożitur ried bħal donnu jiżżufjetta bis-sistema konvenzjonali billi jkompli jfittex toroq mużikali ġodda li n-nies ma kenux mdorrijin bihom f'dak li għandu x'jaqsam ma' marċi popolari. Huwa sab ix-xoqqa f'moxtha u ħareġ b'xi ħaġa differenti minn tas-soltu meta n-nies tkun mehdija titbahrad u tiżżuffjetta b'għajrha matul it-tlitt ijiem tal-bluha. Din il-maturità mużikali min-naħa ta' Pullicino hija ġejja mill-fatt illi hu, issa li kien rtira mill-kariga twila ta' Surmast tal-Banda San Ġiljan[21], kien jaf li l-karriera tiegħu issa kienet laħqet il-quċċata tagħha, u ċ-ċansijiet kienu biss li jibda jara t-triq għan-niżla. Dan li qedin ngħidu seħħ fil-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor.




Diġà, f'dak li hu titlu, huwa ħafna diffiċli biex wieħed jgħid eżatt x'ried jgħid bih il-kompożitur. Il-kelma *Ckinky*, jekk dejjem hi miktuba b'mod korrett, ma stajt insibha mkien, la fuq l-internet u lanqas fid-dizzjunarji li għandi jiġru fil-kamra. Ippruvajt infittex xi kliem li setgħu b'xi mod joqorbu lejn din il-kelma, iżda bqajt b'xiber imnieħer. Fil-każ tat-tieni kelma, *Dinky*, id-dizzjunarji Ingliż[22] jagħti din it-tifsira li ġejja: (*esp. of a thing*) *neat and attractive; small, dainty, or trifling, insignificant*. Id-

[20] Waħda mill-attrazzjonijiet ewlenin tal-Karnival hija l-Parata. Fi żmien il-Kavallieri diż-żifna kienet tittella' taħt il-gallerija tal-Palazz tal-Gran Mastru u kienet timmarka l-ftuħ uffiċjali tal-attivitajiet tal-Karnival. Fiż-żifna kienu jipparteċipaw għadd kbir ta' persuni ħafna minnhom raħħâla li nofshom kienu jilbsu ta' Nsara u n-nofs l-ieħor ta' Misilmin, u kienu jagħmlu żifna li tirrappreżenta l-ġlieda tal-Maltin kontra t-Torok fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Imbagħad kienet tasal 'Malta', li kienet tkun tifla liebsa kostum u kienu jsejħulha l-għarusa. Din kienet tiġi merfugħa fuq l-idejn u tittieħed mat-toroq tal-Belt qalb il-ferħ tal-poplu.

[21] Mro. Angelo Pullicino rtira minn Surmast tal-Banda Ġiljaniża fl-1970. Huwa kien ilu jmexxieha sa mit-twaqqif tagħha fl-1927.

[22] The Concise Oxford Dictionary of Current English (Eighth Edition) editjat minn R. E. Allen u pubblikazzjoni ta' Clarendon Press – Oxford (1990).




dizzjunarju ta' Aquilina[23] jagħti dil-kelma bħala aġġettiv: *grazzjuż, gustuż*. Ngħid għalija, l-importanti hawnhekk mhux li noqgħodu nippruvaw insibu t-tifsira tagħhom daqskemm li nagħrfu noħorġu r-ritmu mżegleg li dawn iż-żewġ kelmiet joffru meta jitleħħnu wara xulxin, kif imfisser tajjeb fl-eżempju mużikali ta' hawn fuq. Kif ser naraw, dan l-istess ritmu nsibuh ukoll fid-diska tal-grupp Scaffold, *Lily the Pink,* li minnha Pullicino silet parti minnha għall-introduzzjoni ta' dan il-marċ grottesk (Ara eżempju mużikali). Għal dan il-għan, iż-żewġ kelmiet qsamthom f'sillabi u tajthom valur għalihom biex ikunu jistgħu joqgħodulna tajjeb f'battuta waħda minn ta' temp binarju compost ta' żewġ semimimi bil-punt ($^{6}/_{8}$)[24]. B'hekk, f'idejna issa għandna motif ritmiku li jagħmel sens mużikali. F'dan il-motif wieħed ma jistax ma jinnotax l-element tas-sinkopé[25] fl-ewwel taħbita, li bħal donnu jagħtina x'nifhmu li hemm xiħaġa qegħda xxekkel milli r-ritmu jimxi b'mod normali. U minkejja dan kollu, iż-żewġ kelmiet – *Ckinky* u *Dinky* – xorta waħda jirnexxilhom iwieżnu 'l xuxlin bħal f'ċaqlembuta, ħallieha li naħa minnhom forsi żżaqżaq xi ftit aktar mill-oħra!

Għidna dan kollu, għad fadlilna kobba oħra xi nħollu, għax għalkemm it-titlu *Ckinky Dinky March* jidher mniżżel bil-bajrow fuq l-ewwel paġna (aktarx xogħol Luċjan, ħu l-kompożitur), dan mhux bilfors li hawnhekk għandna l-marċ sħiħ f'idejna. Dan qed ngħidu, għax fuq din l-istess paġna hemm imniżżel ukoll il-kelma *Trio,* u li allura jfisser li dawn il-paġni setgħu ffurmaw biss parti minn marċ sħiħ. Aktar minn hekk, fuq fil-ġenb, fin-naħa tax-xellug tal-ewwel żewġ paġni, hemm imniżżlin in-numri 3 u 4 rispettivament, li allura jfisser li seta' kien hemm xi mużika oħra li kienet tiġi qabel it-triju. Iżda, mill-banda l-oħra, mhux possibli li jkollox 140 battuta bħala triju, bl-aħħar 32 waħda jkunu replikati. B'dawn il-battuti kollha, weħidhom, għandek marċ sħiħ! Forsi għalhekk mela kienet ittieħdet id-deċiżjoni li wara kollox it-triju mhu triju xejn, imma huwa marċ sħiħ fih innifsu. Għal dan il-għan, il-kompożitur kien immarka l-paġni bl-ewwel erba' ittri tal-alfabett biex juri li dan hu marċ komplut.



Iżda dan jerġa' mhux kollox. Fit-tieni paġna tal-marċ tal-karnival li jġib l-isem ***Karnival Dance***, il-kompożitur ried jieħu l-introduzzjoni għat-triju tiegħu biex minflok jużah bħala introduzzjoni għal ***Ckinky Dinky March***. Pullicino kien immarka l-partitura hekk: *Intridizzioni, Ckinky Dinky March*. Din l-introduzzjoni hija mmarkata bin-numru 1, mdawwar b'ċirku, bl-istess mod kif inhuma mniżżlin in-numri l-oħra li tkellimna dwarhom aktar 'il fuq. B'hekk, issa nafu li wara kollox, il-kompożitur ried forsi introduzzjoni qasira qabel ma jmur għall-marċ proprja. Imma hemm problema oħra li rridu nsolvu, għax din l-introduzzjoni qiegħda fil-kjavi ta' FA Maġġuri, meta nafu li l-battuti li bihom jiftaħ il-marċ proprja qedin in RE Maġġuri. Jista' jkun li l-kompożitur kellu f'moħħu li jittrasponi l-introduzzjoni biex tiġi taqbel mat-tonalità imsemmija. Madankollu, li tibda t-triju fit-tonalità ta' RE Maġġuri ma tantx hija waħda ideali, fis-sens li, meta tiġi biex tittrasponi l-mużika ton 'il fuq, ħafna strumenti tal-banda ser isibu ħafna djesisijiet ma' wiċċhom, meta huma aktar jippreferixxu l-bemolli.

Il-partitura, dejjem miktuba bil-lapis, fiha erba' paġni minn ta' manuskritt, u bl-istrumenti mqassmin skont ir-rwol tagħhom fuq tliet pentagrammi separati. Bħala mudell mużikali mbagħad, huwa mexa fuq il-kanzunetta *Un Calcio alla Città* ta' Domenico Modugno u kliem ta' Mario Castellacci u Riccardo Pazzaglia. Modguno[26] kien kanta din il-kanzunetta fil-festival ta' Sanremo 1972. Hawn xtaqt nistaqsi

[23] Concise Maltese English – English Maltese Dictionary ta' Joseph Aquilina u mitbugħ mill-Midsea Books Ltd. (2006).
[24] L-istess temp insibuh fid-diska msemmija.
[25] Kull meta tħabbat xi temp hemm noti li jissejħu forti, u oħrajn deboli. Meta n-nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-deboli, dik in-nota tieħu l-isem ta' Sinkopé.
[26] Domenico Modugno (1928-94) kien kantant, awtur, u attur Taljan. Hu jibqa' magħruf l-aktar għall-kanzunetti immortali tiegħu bħal *Nel Blue Dipinto Di Blu (Volare)* tal-1958. Huwa meqjus ukoll bħala l-ewwel kantawtur Taljan. Bħala attur imbagħad, huwa ħa sehem f'44 film u pproduċa żewġ filmijiet, b'wieħed minnhom ikun fuq il-ħajja mużikali tiegħu stess – *Tutto e' musica* tal-1963. Fis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor Modugno kien aktar moħħu biex jirreċta fuq it-televiżjoni, u jkanta fl-opri moderni milli ħaġ' oħra. Aktar tard f'ħajtu huwa daħal fix-xena politika ta' pajjiżu bħala membru tal-Partit Radikali

jekk hux b'kumbinazzjoni li Pullicino għażel din id-diska, li fiha l-awtur jixtieq ifajjar 'daqqa ta' sieq … lill-Belt'!

| Battuta | Taqsima/tagħrif |
|---|---|
| 01-03$^{1}$ | In Re Maġġuri. Introduzzjoni qsajra magħmula biss mill-akkordju toniku u mifrux fuq tliet battuti u nofs. |
| 03$^{2}$-38$^{1}$ | L-ewwel taqsima. Ta' min jgħid hawn li, din l-istess tema ser tkun qed tirrepeti ruħha, mhux permezz ta' sempliċi replika, imma billi terġa' tiġi ppreżentata sħiħa kif inhi għal tliet darbiet wara xulxin, u kull darba titla' b'nofs ton[27] 'il fuq. Mela, jekk bdejna in Re Maġġuri, l-istess materjal ser jerġa' jidher in Mib Maġġuri, mbagħad in Mi Maġġuri, u fl-aħħar in Fa Maġġuri, fejn did-darba issir replika. Fl-eżempju mużikali ta' hawn taħt qed inġibu l-waqtiet kollha tal-mod kif saret it-transizzjoni minn tonalità għall-oħra. Hekk ngħidu aħna, meta kien in Re Maġġuri (b. 35-38$^{1}$) u ried jimmodula lejn Mib Maġġuri, bilfors li kellu jgħaddi mill-korda tas-settima dominanti (V7) biex seta' jagħmel dan. Wieħed jinnota il-mod kromatiku li bih imxew l-affarijiet biex dan seta' jseħħ bl-aktar mod lixx u mingħajr skossi ta' xejn. Għal dan il-għan, il-kompożitur ħadem b'tali mod li waħda min-noti fiż-żewġ akkordji sservi ta' pern, li fil-każ tagħna hija r-RE, u li tinsab fil-wiċċ, marbuta permezz ta' rabta[28] minn akkordju għall-ieħor. Meta ngħidu nota komuni jfisser li, din in-nota partikolari, fuq in-naħa l-waħda, hija l-għerq, jew mamma, tal-akkordju toniku in RE Maġġuri = **RE** – FA# - LA, u fl-istess waqt, it-toniku (I) tal-iskala imsemmija, u fuq in-naħa l-oħra hija t-terza, fl-akkordju toniku, did-darba, in SIb Maġġuri = SIb – **RE** – FA, u fl-istess ħin il-Medjanti (III) tal-iskala imsemmija. Hekk talanqas għandna nota li mhux ser tiċċaqlaq waqt li l-kumplament tan-noti l-oħra ser jgħaddu minn ċaqliq minimu, imma kromatiku, billi jitilgħu jew jinżlu b'nofs ton kull wieħed. Hekk mela, fl-ewwel eżempju, il-LA u l-FA# fl-ewwel akkordju (i.e., korda tonika in RE Maġġuri), u li qedin interval ta' ton u nofs ton 'il bogħod minn xulxin, issa ser jinżlu flimkien, b'mod parallel, nofs ton 'l isfel lejn LAb u FA bekwadru rispettivament. Magħhom, wieħed irid iżid ukoll in-nota l-ġdida l-oħra, is-SIb, li hija l-għerq, jew mamma tal-akkordju tas-settima dominanti (V7) tal-kjavi l-ġdida li sejrin fiha, il-MIb Maġġuri. Din in-nota ukoll ħarġet mill-kwinta tal-ewwel akkordju, biex b'hekk, minn LA, did-darba tlajna b'nofs ton lejn SIb. Nistħajjilkom tgħiduli, dak kif l-ewwel akkordju għandu biss tliet noti differenti, meta t-tieni wieħed għandu erba' noti reali? It-tweġiba hija din: l-ewwel akkordju huwa wieħed, hekk imsejjaħ, <u>trijade</u>, u allura huwa mibni fuq tliet noti biss – in-nota (li jien qed insejħilha l-għerq, jew mamma), it-terza u l-kwinta ta' fuqha. Fil-każ tat-tieni akkordju, mat-trijade rridu nżidu wkoll is-settima minuri, jew erba' toni u żewġ nofs tonijiet meta magħduda fuq in-nota waqt li l-akkordju jkun fil-pożizzjoni fejn l-għerq (jew mamma) jkun fil-qiegħ. |
| | B'rabta ma' dan li konna qedin ngħidu hawn fuq, xtaqt insemmi wkoll punt ieħor interessanti ħafna li jirrigwardja dawn l-akkordji. Jekk wieħed iħares sewwa lejn it-tieni eżempju għandu mnejn jinnota li qedin norbtu żewġ noti flimkien li, għalkemm isimhom huwa differenti, xorta waħda jinstemgħu l-istess. Qed nirreferi għal MIb u RE#. Noti ta' dan it-tip għandhom ħoss omologu. |

---

Taljan u kien ġie elett fl-1987. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien imdaħħal ħafna wkoll f'attivitajiet soċjali fejn baqa' jiġġieled sal-aħħar kontra l-kundizzjonijiet inumani tal-pażjenti li kienu rikoverati fl-isptar tal-moħħ ta' Agrigento.

[27] In-nofs ton huwa l-iqsar intervall (id-distanza li hemm bejn nota u oħra) fil-mużika jew l-iqsar distanza li hemm bejn żewġ gradi tal-iskala djatonika.

[28] Sinjal nofs tond li jitqiegħed in-naħa tar-ras tan-nota, u li jservi biex jgħaqqad żewġ noti, jew aktar, tal-istess ton, bid-dewmien tan-nota issa jiġi jiswa daqskemm hemm noti marbutin flimkien.




| | |
|---|---|
| $38^2$-$72^1$ | L-istess tema, imma in MIb Maġġuri. |
| $72^2$–$106^1$ | L-istess tema, imma in MI Maġġuri. |
| $106^1$-$140^1$(143) | L-istess tema, imma in FA Maġġuri. Din it-taqsima hija replikata. |

**Għeluq**: U b'din il-ħarsa pjuttost estensiva ġejna fi tmiem it-tieni parti ta' dan l-artiklu, u tal-marċi kollha grotteski tas-Surmast Anġlu Pullicino (1904-79). Jiena stajt naħdem biss fuq dawk li jinsabu fl-arkivju tal-Għaqda Karmelitan Banda Queen Victoria, kif ukoll dawk li jinsabu fl-arkivju personali tiegħi. Għaldaqstant, minn hawn inħeġġeġ, biex min għandu xi marċi karnivaleski oħra tal-istess kompożitur, u li ma kinux inklużi f'dawn iż-żewġ artikli, ġentilment jgħarrafni bihom ħalli nkun nista' ninkluduhom fil-lista ta' xogħlijiet tiegħu. Wieħed jista' jagħmel dan billi jħallili messaġġ bil-fomm jew bil-kitba ma' wieħed mid-diriġenti tal-Banda.

4 ta' Mejju 2013